L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

Uffiċċju Komunikazzjoni

30 ta' Jannar 2020
13/2020

**JIFTĦU L-APPLIKAZZJONIJIET GĦAD-DĦUL FL-ISKEJJEL TAL-KNISJA**

IL-KULLEĠĠ SAN ALBERT IL-KBIR JIFTAĦ KINDERGARTEN FIL-FGURA

Fis-sena skolastika li tibda f'Settembru li ġej, in-numru ta' postijiet fl-Iskejjel tal-Knisja għall-'Applikanti Oħra' huwa ta' 730. L-applikazzjonijiet għal dawn il-postijiet vakanti qed jintlaqgħu online sal-14 ta' Frar, u f'ċentri speċifiċi bejn it-3 u l-5 ta' Frar. Aktar informazzjoni tinkiseb mir-Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja li jinsabu fil-paġna 'Skejjel tal-Knisja' fuq il-websajt tal-Arċidjoċesi ta' Malta - www.knisja.mt.

Dawn l-applikazzjonijiet qed jintlaqgħu wara li f'Novembru li għadda ġew ippublikati r-regolamenti u wara li ntlaqgħu l-applikazzjonijiet tal-ewwel kriterju. Dawn jinkludu tfal mid-djar tal-Knisja, dawk li għandhom ħuthom fi skola tal-Knisja, tfal tal-impjegati tal-iskejjel tal-Knisja, u studenti minn skola tal-Knisja bla kontinwità. In-numru ta' applikazzjonijiet kien ta' 798. Għalhekk, minn total ta' 1,528  post vakanti għas-sena skolastika 2020-2021, issa baqa' 730 post għall-'Applikani Oħra'.

| Sena | Postijiet Vakanti Subien | Postijiet Vakanti Bniet | Total Postijiet Vakanti |
|---|---|---|---|
| L-ewwel sena kindergarten | 18 | 28 | 46 |
| It-tieni sena kindergarten | 73 | 236 | 309 |
| L-ewwel sena primarja | 134 | 116 | 250 |
| L-ewwel sena sekondarja | 85 | 40 | 125 |
| **TOTAL** | 310 | 420 | 730 |

**Għall-ewwel sena kindergarten** intlaqgħu 45 applikazzjoni għas-subien u 41 applikazzjoni għall-bniet. Għalhekk, minn total ta' 63 post għas-subien baqa' 18-il post vakanti, u minn total ta' 69 post għall-bniet baqa' 28 post vakanti.

**Għat-tieni sena kindergarten** intlaqgħu 41 applikazzjoni għas-subien u 113-il post għall-bniet. Għalhekk, minn total ta' 114-il post għas-subien baqa' 73 post vakanti, u minn total ta' 349 għall-bniet baqa' 236 post vakanti.

**Għall-ewwel sena primarja** ntlaqgħu 231 applikazzjoni għas-subien u 128 applikazzjoni għall-bniet. Għalhekk, minn total ta' 365 post għas-subien baqa' 134 post vakanti, u minn total ta' 244 post għall-bniet baqa' 116 il-post.

**Għall-ewwel sena sekondarja** ntlaqgħu 170 għas-subien u 29 applikazzjoni għall-bniet. Għalhekk, minn total ta' 255 post għas-subien baqa' 85 post vakanti, u minn 69 post għall-bniet baqa' 40 post vakanti.

Il-Kulleġġ ta' San Albert il-Kbir ser jiftaħ Kindergarten fil-Fgura. Din ser tilqa' 24 student fl-ewwel sena kindergarten u 24 student fit-tieni sena kindergarten. Fil-ġranet li ġejjin ser jintlaqgħu l-applikazzjonijiet tat-tfal tal-impjegati u tal-aħwa tal-Kulleġġ San Albert. Il-postijiet vakanti li jibqa' jiżdiedu ma' dawk li qed jitħabbru llum.

Is-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija jixtieq javża wkoll li hemm il-possibilità li tinfetaħ ukoll kindergarten tal-iskola St Francis f'Santa Luċija, flok il-kindergarten tal-istess skola f'Ħal Luqa u s-Siġġiewi. F'dak il-każ, il-postijiet offruti fl-iskejjel ta' St Francis f'Ħal Luqa u s-Siġġiewi jiġu offruti f'Santa Luċija.

Il-proċess għad-dħul fl-Iskejjel tal-Knisja jiddetermina d-dħul fl-ewwel u t-tieni sena kindergarten, fl-ewwel sena primarja u fl-ewwel sena sekondarja. Lista tad-dokumenti meħtieġa, il-ġranet meta wieħed għandu japplika u aktar dettalji jinsabu fir-Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja fuq www.knisja.mt.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**